MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Avviz Numru. 243/2008

**Pieter Bregman u Maria Theresa sive Marthese Bregman-Borg**

**vs**

**Aplan Limited**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta` intimata ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€4,697.16), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rappresentanti l-prezz ta' *Fridge/Freezer/Ice-Maker* tal-marka Gaggenau akkwistata minghand ir-rikorrenti, li ma tiffunzjonax kif suppost u nonostante diversi tentattivi, is-socjeta` intimata baqghet ma rrisolvietx il-problemi relattivi kif kienet obbligata li taghmel;

Bl-imghax legali mil-lum u bl-ispejjez kollha. B'riserva ta' kwalsiasi dritt iehor spettanti lir-rikorrenti, kontra s-socjeta` intimata li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tar-rikorrenti sabiex is-socjeta` intimata twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` intimata naqset u ma deher l-ebda rapprezentant taghha, la fil-25 ta' Marzu tas-sena 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lis-socjeta' intimata Aplan Limited thallas is-somma ta' erbat elef sitt mija u sebgha u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€4,697.16) lir-rikorrenti Pieter Bregman u Maria Teresa sive Marthese Bregman-Borg;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kif dedotti kontra s-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------